

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15091/17
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0149 (NLE)

JUSTCIV 283
SM 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Id-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11307/17
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri - Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Coreper u l-Kunsill

Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Coreper u l-Kunsill

Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.

Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lill-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.